30 ta' Gunju 1964

**Imħallef:**

**Onor. Dr. M. Caruana Curran B.A., LL.D.**

Nutar Francis Micallef et

*versus*

Joseph Camilleri

**Żgumbrament — Kongedo — Kuntratt — Kondizzjoni — Interpretazzjoni — 1037, 1044 u 1099, Kodiċi Ċivili — Art. 16 (2), Kap. 109.**

*Il-promessa ta' l-inkwilin li joħroġ mid-dar u jabbanduna l-lokazzjoni mhix vjetata.*

*Il-kuntratti għandhom effett unikament kbir il-kontraenti u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid lil terzi.*

*Il-kondizzjonijiet fl-obbligazzjonijiet ma jistgħux jiġu preżunti, iżda jistgħu jirriżultaw mill-volontà mhux biss espressa imma anke taċita tal-partijiet, basta li jirriżultaw minn argumenti mhux ekwivoċi.*

*F'każ ta' dubju l-kuntratti għandhom jiġu interpretati kontra dak illi favur tiegħu tkun saret l-obbligazzjoni u favur ta' l-obbligat.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni.

Billi l-atturi kienu jikru lill-konvenut il-fond numru 41, Sacred Heart Street, Santa Venera, bil-kera ta' £12 fis-sena, jitħallas kull tliet xhur bil-quddiem, l-aħħar skadenza fil-31 ta' Marzu, 1964;

Billi xi erba' xhur ilu l-konvenut aċċetta li jiżgombra mill-fond imsemmi u jmur jabita f'dar proprjetà tiegħu u li jagħmel dan qabel ma jgħoddu tliet xhur.

Billi issa l-konvenut ma jridx ikompli fil-ftehim minnu magħmul — talbu li l-konvenut jiġi kkundannat jiżgombra mill-fond numru 41, Sacred Heart Street, Santa Venera, f'terminu qasir u perentorju, prevja okkonendo d-dikjarazzjoni illi huwa qed jokkupa l-fond bla titolu, bl-ispejjeż.

Omissis.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fis-sens (1)

li l-fatti kif spjegati fiċ-ċitazzjoni huma nkorretti għax l-esponent qatt ma kkonċeda ruħu u qatt ma wiegħed li ser joħroġ mill-post fi żmien il-lokazzjoni korrenti; u (2) li, anki kif jirriżulta mill-iskrittura privata eżibita maċ-ċitazzjoni (Dok. B) l-esponent qatt ma ried jintrabat meta huwa kien jista' jivvoka l-fond "de quo";

Omissis.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża saret minħabba l-fatti li sejrin jissemmew, cioè:— (a) li l-konvenut, inkwilin tal-fond tal-atturi msemmi fiċ-ċitazzjoni, kien daħal fi trattaturi magħhom biex jekk huma jħallsuh ta' xi benefikati li kien jippretendi, huwa, li kien tħajjar jixtri dar li kienet qegħda timbena fil-lokalità ta' Santa Venera, jixtriha u jivvaka l-post; (b) billi l-atturi u l-konvenut jirċevi l-kumpens għal benefikati mill-persuni li sab hu stess biex jakkwistgħu l-fond b'titolu ta' enfitewsi minngħand l-atturi, cioè Joseph Zammit u Mary Parnis, għarajjes; (c) infatti, bejn l-atturi u l-imsemmija għarajjes sar il-kuntratt ta' enfitewsi a fol. 4 li fih id-dispożizzjoni rilevanti u sinjifikativa għall-finijiet ta' din il-kawża hija l-perijodu enfitewtiku kellu jibda mill-ġurnata mpreċisata "tal-konsenja taċ-ċavetta"; (d) inoltri jumejn wara dan il-kuntratt, il-konvenut u l-għarusa Mary Parnis għamlu l-iskrittura privata fol. 8 li biha ftehmu li hija tħallsu £50 tal-benefikati "meta hu jivvaka l-post in kwistjoni"; (e) sa hawnhekk kollox kien miexi sew għax it-tliet partijiet, l-atturi, il-konvenut u l-għarajjes u l-familji tagħhom huma kollha ġirien u kien f'relazzjonijiet tajba, u ma hemm ebda dubju li l-konvenut kien onestament u in buona fede intenzjonat eventwalment, anzi forsi x'aktarx fi żmien viċin, għalkemm impreċisat, joħroġ mill-post, cioè malli titlesta d-dar l-oħra, f'Santa Venera, li kien tħajjar għaliha — tant huwa hekk li fil-fatt huwa anki ntrabat b'konvenju

biex jakkwistaha; 9 (f) ma' tul dawn it-trattaturi sar ukoll naturalment ħafna diskors bejn it-triangolu ta' persuni fuq imsemmija, imma billi l-partijiet ma tantx jaqblu fuqu, il-*Qorti, li hawnhekk qegħda tirriepiloga* biss dawk il-fatti li mhumiex kontroversi, tikkommenta fuq dan id-diskors, in-kwantu jista' jkun ammissibli bħala prova, iżjed 'il quddiem; (g) *kif intqal* kollox kien miexi sew u l-għarajjes kienu presto o tardi jakkwistaw il-bejgħ tagħhom kieku ma ġarax li d-dar li kien sejjer jakkwista l-konvenut waqatilha l-gallarija u wriet xi *sintomi ta' inċertezza ta' kostruzzjoni oħra li mħabba fihom* il-konvenut u martu stqarruha u l-kostruttur illiberah mill-kon-venju, imma billi hu allura ma ħariġx mill-fond l-atturi ġiebuh il-Qorti biex joħorġuh, u dana, kif jippretendu huma, in es-klużjoni tal-kongedo li huma tagħhom fis-sens minnhom pre-tiż fil-kawżali taċ-ċitazzjoni ċioè li fi żmein tliet xhur kellu joħroġ mill-fond, wara liema perijodu huma jippretendu li l-konvenut safa bla titolu;

Illi nonostanti l-ħafna protezzjoni mogħtija mill-liġijiet speċjali tal-kera lill-inkwilini tad-djar il-promessa ta' l-inkwilin *li joħroġ mid-dar* u jabbanduna l-lokazzjoni mhix vjetata. Il-liġi (art. 16/2) Kap. 109 tiddikjara biss li l-promessa tal-in-kwilin fis-sens li joħroġ mita jsib post ieħor, jew simili, m'għandhiex titqies bħala anta-kongedo bi preġudizzju tal-inkwilin, u waħidha ma tintitolax is-sid li jieħu lura l-pussess tal-fond. Din id-dispożizzjoni stess tippostula l-validità u l-*obbligatorjetà tal-promessa tal-inkwilin li joħroġ* magħmula *f'termini assoluti jiġifieri mingħajr kondizzjonijiet bħal dawk* kontemplati fl-art. 16/2 fuq imsemmi;

Illi l-bażi li fuqha l-atturi qegħdin jippuntellaw l-azzjoni hija li l-konvenut wegħdhom "sic et simplicater" li fi żmien tliet xhur joħroġ mill-post. L-overu ta' din il-prova hija fuq l-atturi imma fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-Qorti jidhrilha li għandha tikkunsidra mhux biss id-diskors li sar bejn l-atturi u l-kon-

venut imma anki dak li sar bejn il-konvenut u ż-żewġ għarajjes u omm l-għarusa, billi dawn il-persuni kienu qishom ħaġa waħda f'dawn it-trattattivi;

*Illi l-atturi in sostenn tal-azzjoni tagħhom kif verbalizzat* a fol. 9. jinvokaw (a) l-iskrittura a fol. 8 u (b) id-diskors bejn il-persuni kollha fuq imsemmija;

Illi in kwantu l-azzjoni tiddependi minn l-iskrittura ma tistax ikollha eżitu feliċi għax minn dik l-iskrittura ma jirriżulta ebda terminu, anzi mid-depożizzjoni ta' *Dr Demarco* jirriżulta li l-konvenuta ma riedx jintrabat b'terminu;

Illi in kwantu jiddipendi mix-xhieda l-pożizzjoni hija kif sejjer jingħad. Min fosthom l-atturi pproduċew biss lin-Nutar Micallef li xehed li l-konvenut wegħda li joħroġ fi żmien tliet xhur, imma mill-kompless ta' din id-depożizzjoni, u mill-fatti kif sussegwentement avverati, speċjalment li fl-iskrittura l-konvenut ma riedx jobbliga ruħu għal terminu, il-Qorti iktar tinklina biex taħseb illi din ma kienetx promessa espliċita imma x'aktarx induzzjoni li għamel in-nutar mill-fatt li l-konvenut *talbu biex jibda jħallas il-kera bix-xahar. Fil-fatt in-*Nutar ma aċċettax din il-proposta u insista li l-kera jibqa' jitħallas bit-tliet xhur, ċirkostanza li minnha huwa loġikament ineribili li n-Nutar stess ma eskludiex f'moħħu li l-konvenut kien sejjer idum iżjed minn tliet xhur biex joħroġ, speċjalment meta wieħed jiftakar li huwa xehed li l-konvenut kien qallu li qiegħed jibni dar u għalhekk in-Nutar ma qagħadx jidħol fid-dettalji għax persuna bħan-Nutar Micallef taf li meta wieħed jiġi biex jidħol f'dar li tkun għadha qegħda timbena jistgħu jinqalgħu ħafna ostakoli u mprevisti.

Illi l-atturi pproduċew ukoll lil Mary Parnis, lil ommha Virginia Parnis, u lill-għarus tagħha Joseph Zammit. Mary Parnis xehdet li l-konvenut wegħda lil 99% joħroġ sa l-aħħar

ta' Frar u li żgur joħroġ sa l-aħħar ta' Marzu. F'din il-parti tad-deposizzjoni tagħha hija ma taqbilx ma' ommha li xehdet li l-konvenut qallhom li 99% joħroġ fi żmien tliet xhur, li hija ħaġa differenti, mentri l-għarus tagħha, Joseph Zammit, joffri versjoni anki iżjed favorevoli għall-konvenut, ċioè, li wara li huma għamlu l-kuntratt taċ-ċens u marru jkellmuh, il-konvenut qallhom biss "li jaħseb li sa l-aħħar ta' Marzu jlesti", iġifieri li jaħseb li l-fond l-ieħor ikun lest, li hija ħaġa different minn promessa esplicita li sa l-aħħar ta' Marzu joħroġ;

Illi fi kwalunkwe każ dan id-diskors sar kollu qabel l-iskrittura a fol. 8 u billi din ma fihiex terminu d-diskors li sar fl-okkażjoni tagħha dwar il-possibilità ta' l-intenzjoni ta' terminu huwa mhux biss ammissibbli bħala prova biex jiċċara u jintegra dik l-iskrittura imma jikkostitwixxi dik l-aħħar kelma bejn il-kontraenti li għandha tifforma l-mument tal-formazzjoni tal-'idem placitum concensus" u għalhekk hija ta' importanza wisq superjuri għad-diskors anteċedenti. Taħt dan irrigward għandna li Dr Demarco u l-konvenut it-tnejn xehdu li l-konvenut irrifjuta jintrabat b'terminu għax ma riedx li l-post ma jkunx lest u jsib ruħu bla dar. L-ispjegazzjoni kuntrarja offerta minn Mary Parnis, fis-sens li konvenut ma riedx jintrabat b'terminu għax kien ħiereġ anki qabel tliet xhur, mhix verosimili, apparti milli tinsab kontradetta;

Illi mill-kompless ta' dawn il-provi kollha l-Qorti ssib li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw il-promessa kif allegat[a] minnhom in bażi għaċ-ċitazzjoni, jew almenu li hemm dubji serju li għandu jimmilita favur il-konvenut;

Illi mentri l-promess huwa validu biżżejjed biex l-azzjoni taqa', il-Qorti, fl-assenza ta' terminu, u biex tkun proprju eżawrit it-toroq kollha li jistgħu talvolta jiffavorixxu l-azzjoni attriċi, għandha tara x'interpretazzjoni għandha tingħata l-iskrittura fol. 8, għax dik l-iskrittura naturalment teżisti u huwa

ovvju li kellha xi sinjifikat, speċjalment in vista tas-sottomissjoni tad-difensur tal-atturi li r-riskju tagħha kien kontra l-konvenut obbligat;

Illi dik l-iskrittura hija kuntratt u l-kuntratti għandhom effett unikament bejn il-kontraenti u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid lil terzi (art. 1044). Issa l-atturi f'dik l-iskrittura huma terzi u ma jistgħux jippromwovu l-azzjoni tagħhom fuqha. Imma anke jekk wieħed jerġa' jikkonċedi dan kollu fis-sens fuq miġjub li l-persuni kollha interessati fit-trattativi kienu qieshom ħaġa waħda, il-kuntratti għandhom jiġu eżegwiti in buona fede u l-buona fede rikjesta mill-konsapovelezza tal-kontraenti taċ-ċirkostanzi li kien fil-"background" tal-kuntratt, f'dan il-każ, tirrendi inevitabbli l-konklużjoni li l-effett kollu ta' dik l-iskrittura kien li l-konvenut kellu joħroġ meta titlesta d-dar l-oħra li kienet qegħdha timbena, u li hu "rebus sic statibus" kien sinċerament bi ħsiebu jixtri (ara wkoll depożizzjoni ta' mart il-konvenut, Mary Camilleri) Għalhekk mhuwiex il-każ li jiġi ffissat terminu mill-Qorti fuq il-bażi li kien hemm obblikazzjoni li kienet nieqsa biss minn terminu, imma huwa l-każ ta' obbligazzjoni li ma setatx ħlief kienet intiża minn kulħadd bħala kondizzjonali. Il-kondizzjonijiet ma jistgħux jiġu preżunti, imma jistgħu jirriżultaw mill-volontà mhux biss espressa imma anki taċita tal-partijiet, basta li jirriżultaw minn argumenti mhux ekwivoċi (Gorgi, Obbligazzjoni, Vol. IV para. 306);

Illi l-kondizzjoni taċita f'dan il-każ, inferibili minn apprezzament realistiku u obbjettiv taċ-ċirkostanzi, kienet li l-konvenut joħroġ meta d-dar l-oħra tkun lesta u tajba biex jokkupaha. Din mhix kondizzjoni potestativa nulla għax ma kienitx tiddependi mill-volontà tiegħu biss, imma kienet entru l-possibilità tiegħu li jesegwiha (art. 1099/2) Kod. Ċiv. ara wkoll Giorgi, op. cit. para. 298);

Illi l-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi iġifieri li l-kondizzjoni ma kienetx purament potestativa hija awtorizzata anzi hu dover tagħha li tivvalja r-raġonevolezza tar-rifjut tal-konvenut li *jmur* f'dar li kienet waqqgħetilha l-gallarija u li wriet xi sintomi oħra ta' perikolu deskritt mill-konvenut u minn martu fid-depożizzjoni tagħhom.

Il-Qorti wara li eżaminat dawn iċ-ċirkostanzi kollha ma tistax tagħti tort lill-konvenut u mhuwiex il-każ li jiġi ritenut li l-konvenut jista' jsib kwalunkwe dar oħra. għax, *kif* hu spjega, huwa kellu f'moħħu dar f'Santa Venera anzi dik iddar speċjali, u l-partijiet interessati kollha kienu jafu sew li hu kien sejjer joħroġ biss jekk din id-dar partikolari tkun tista' *tiġi okkupata minnu,* u *mhux f'ċirkostanzi oħrajn. Għal*kemm il-każ kien x'aktarx sfortunat, dan huwa tipiku tal-varjabilità taċ-ċirkostanzi tal-ħajja li ħadd m'għandu japprofitta ruħu minnhom b'sorpriża tal-buona fede ta' min ikun ntrabat in *kontemplazzjoni ta' ċirkostanzi normali,* u bi preġudizzju tant gravi daqs ta' min jibqa' bla saqaf fuq rasu u fuq martu u wliedu. Fl-aħħar mill-aħħar il-Qorti l-anqas ma tista' tipprexxindi għal kollox mill-fatt li l-atturi għaġġlu daqsxejn biex daħlu fil-kuntratt tal-enfitewsi u x'aktarx invertaw l-ordni tal-affarijiet. Kieku l-iskrittura saret qabel il-kuntratt u l-għarajjes kienu laħqu raw li l-konvenut ma riedx jintrabat bi żmien, x'aktarx li kienu jipposponu l-kuntratt, u fil-fatt il-kuntratt baqa' qiesu pospost billi kellu jibda biss mid-data mpreċiżata tal-konsenja taċ-ċavetta. Għandu jiġi osservat ukoll, kontra ta' dak li ssottometta d-difensur dwar ir-riskju tal-kuntratti; riskju li verament japplika biss fil-passaġġ tal-proprjetà (art. 1037 Kod. Ċiv.), li l-kuntratti għandhom jiġu nterpretati, *f'każ ta' dubju, kontra dak il-favur tiegħu tkun saret l*obbligazzjoni u favur ta' l-obbligat, iġifieri l-konvenut.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta u tiddeċidi l-kawża billi tiċħad it-talba ta' l-atturi. In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ l-ispejjeż *jibqgħu bla taxxa* u *bid-dritt tar-reġistru* bin-nofs.

**30 ta' Ġunju, 1964.**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

**Carmelo Schembri pro et noe et**

*versus*

**Anthony Camilleri OBE noe.**

**Dazju — Rifużjoni — Preskrizzjoni — Rinunzja — Art. 2238, Kodiċi Ċivili.**

*Ir-rikonoxximent tad-debitu da parti tad-debitur wara li jkun għalaq it-terminu tal-preskrizzjoni jammonta għal rinunzja tal-preskrizzjoni ġia kompjuta.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi et nomine — premess illi l-atturi importaw kwantità ta' papoċċi u fuqhom ġew imġegħlin iħallsu dazju eċċessiv bħala li kieku dawn l-oġġetti kienu żraben jew sandlijiet li jintużaw għat-triq u dan fl-ammont komplessiv ta' mija u wieħed u ħamsin lira, seba' xelini u żewġ soldi £151-7-2) kif jirriżulta mill-prospett Dok. A, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — talbu li jiġi dikjarat u deċiż li t-tip ta' oġġetti importati mill-atturi huma fil-fatt papoċċi għall-finijiet u effetti tal-liġi tad-Dazju tad-Dwana u mhux bħala żraben kif ġew klassifikati mill-konvenut nomine u hekk dazjati u (2) illi l-konvenut noe jiġi minn din il-Qorti ikkundannat jirrestitwixxi lill-atturi l-ammont ta' mija u wieħed u ħamsin lira, seba' xelini u żewġ soldi (£151-7-2) minnhom imħallsa żejda bħala dazju għar-raġunijiet premessi, bl-imgħax u bl-ispejjeż.

Omissis.

*Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine li biha* jgħid illi l-ammont ta' dazju reklamat u li jirrigwarda l-importazzjoni kif murija fil-prospett Dok. A eżibit mill-atturi fil-kors normali ta' l-importazzjoni u ma tħallasx "under protest"; *illi l-azzjoni riferibbli għal rifużjoni dwar dawn il-partiti hija* preskritta bid-dikors taż-żmien u hija applikabbli għal każ tal-preskrizzjoni ta' sentejn; illi dawn il-partiti jirriferixxu effettivament għall-perijodu anteċidenti għat-12 ta' Lulju, 1956; illi *fil-partiti l-oħra* (u *okkorrendo* mhux eskluż anki fil-partiti fuq imsemmija) iż-żraben illi dwarhom l-esponent ma tax rifużjoni għandhom jiġu kunsidrati għall-fini tad-dazju bħala żraben u mhux papoċċi kif jippretendu l-atturi u fil-fatt din l-għamla ta' żraben mhix bħal dawk illi dwarhom kien hemm deċiżjoni mill-Qorti kompetenti kif jippretendu l-atturi;

Omissis.

Ikkunsidrat:

Li l-kwistjoni li għandha tiġi deċiża minn dina l-Qorti, qabel xejn, hija dik rigwardanti l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bennali sollevata mill-konvenut nomine għar-rigward tar-rifużjoni tal-allegat dazju eċċessiv imħallas mill-atturi nomine fuq l-ewwel sitt (6) partiti minnu ndikati fil-prospett a fol: 5 tal-proċess, iġifieri dawk il-partiti li tħallsu fil-perijodu mis-17 ta' Diċembru, 1955 sat-8 ta' Lulju, 1956 inklusivament, mingħajr il-kondizzjoni "under protest".

Ikkunsidrat:

Li l-atturi qegħdin jippretendu li l-konvenut nomine ma *jistax jeċċepixxi b'suċċess l-imsemmija preskrizzjoni, għaliex* it-trattivi anki dwar dawna l-partiti kienu jiddipendu minn deċiżjoni tal-kawża li kien hemm pendenti, fuq tipi ta' żraben analogi, quddiem il-Qorti u li wara li ġew deċiżi dawna l-

kawżi l-konvenut nomine irrinunzja għall-istess preskrizzjoni bir-rikonoxximent tal-pretensjoni tal-atturi.

Li l-konvenut nomine qiegħed jikkontendi li ż-żmien tal-preskrizzjoni ma kienx sospiż u f'kwalunkwe każ, għalkemm iddikjara li jirrifondi d-dazju dwar l-imsemmija partiti wara d-deċiżjoni tal-kawża, kompla jsostni li l-konvinzjoni tad-dipartiment hija li dak li hu ulterjuri għal sentejn qabel it-talba "ma konniex inħallsuh".

Ikkunsidrat:

Li mix-xhieda ta' Dr. Victor Ragonesi u mill-kumpless tal-korrispondenza esibita, jirriżulta li ġia mis-sena 1958, il-konvenut nomine, permezz ta' Joseph Farrugia, kien talbu "*biex iżomm kollox sospiż*" *sakemm tiġi deċiża kawża pen*denti fuq tipi ta' żraben bħal dawk in diskussjoni u li sakemm ma tiġi deċiża dina l-kawża, il-konvenut nomine ma jistax jiddeċidi xejn, u għalhekk saret l-intiża li Dr Ragonesi, għall-atturi, ma jkomplix jikkorrispondi mad-Dipartiment, jew jintaqa' ma' Farrugia fuq dina l-kwistjoni qabel ma tiġi deċiża dina l-kawża (fol: 30). Dana d-diskors huwa ripetut mill-attur, li kompla jżied li wara d-deċiżjoni tal-kawża l-konvenut nomine ammetta miegħu li, kien pront jirrifondi d-dazju anki ta' dawk il-partiti li ma tħallsux "under protest" (fol: 32).

Li, *il-kawża li minnha* kienet tiddependi d-deċiżjoni tad-Dwanier dwar ir-rifusjoni tal-imsemmija partiti, ġiet deċiża fil-21 ta' Marzu, 1960, minn dina l-Qorti, diversament presjeduta, u oħra simili ġiet deċiża sussegwentement fit-8 ta' Jannar 1963. F'dawna ż-żewġ kawżi ġiet ordnata r-rifusjoni tad-dazju eċċessiv dwar diversi tipi ta' żraben; u huwa wkoll sintomatiku *li fl-ewwel waħda ma ġietx sollevata l-preskrizzjoni* u sussegwentement irtirata.

Ikkunsidrat:

Li wara d-deċiżjoni tal-imsemmija żewġ kawżi il-konvenut nomine wisq koerentement mal-imġieba kollha tiegħu f'dina l-vertenza irrikonoxxa l-kreditu tal-atturi, anki għar-rigward tal-partiti in kwistjoni meta r-rappreżentant tiegħu fid-Dipartiment, qalilhom "Hemm kollox sewwa, hemm ser intukom kollha" (fol: 32). Dina l-ammissjoni ġiet konfermata minn Farrugia fid-depożizzjoni tiegħu a fol: 38 fejn qal: "L-ittra tad-9 ta' Mejju 1963 (fol. 22) ktibta jiena. Jiena niftakar li fl-epoka ta' dina l-ittra kien hemm mument li lill-attur għidtilhom li ser inħallsuhom..." u kompla jgħid: .. "Jiena meta għidt "ser inħallas" kont qiegħed nirriferixxi għall-partiti 530 u 532 u l-oħrajn kollha, għaliex wara s-sentenza li semmejt ma deherlix li kien hemm aktar diffikultajiet u ma konniex sejrin nipprovokaw kawża fuq l-istess ħaġa".

Ikkunsidrat:

Li, ix-xhud Farrugia kien korrett u imparzjalment ikkontribwixxa għas-soluzzjoni ġusta ta' dina l-kwistjoni; u f'dina l-aħħar dikjarazzjoni wera li d-dipartiment kien pront li jaderixxi għat-talba tal-atturi biex jevita kawża fuq materja analoga għal dik li kienet ġiet deċiża bl-imsemmija sentenzi.

Ikkunsidrat:

Li taħt dawna ċ-ċirkostanzi anki kieku ma kienx hemm kawża sospensiva tal-preskrizzjoni. li mhuwiex il-każ, l-istess preskrizzjoni tinsab miksura billi l-konvenut nomine irrikonoxxa d-dritt tal-atturi, li kontra tagħhom dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja (Art. 2238 Kod. Ċiv.); u rikonoxximent simili, billi sar wara li l-preskrizzjoni kienet għalqet, jammonta għal rinunzja tal-preskrizzjoni ġa kompjuta (Kollez. XXXVII, i,i 544) riżultanti mill-fattijiet ġa fuq indikati, li ma jistgħux jittieħdu b'ħaġa oħra ħlief bħala rinunzja tal-preskrizzjoni jew ammissjoni tad-dejn (Kollez. XXXVIII. ii, 710).

Inoltri, huwa risaput, li f'materja ta' preskrizzjonijiet qosra, bħal dik in disamina, dawna mhumiex ammissibbli jekk id-debitur, b'att tiegħu spontanew ta' assunzjoni ta' ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament ta' dawk il-preskrizzjonijiet u l-forma permessa mill-liġi lill-kreditur biex jikkumbatti dik il-preskrizzjoni (Kollez. XXXVII, i, 307, 727). Fuq dana l-pont tant dak li jirriżulta mill-konversazzjoni ta' Dr Ragonesi, kif ukoll l-atteġġjament tal-konvenut nomine dwar dina r-rifusjoni — liema atteġġjament ipperdura wkoll fil-kors tal-kawża — jinduċi dina l-Qorti li issegwi l-prinċipji ġa fuq enunċjati, u anki taħt dana l-aspett, tiskorta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni fuq riferita.

*Ikkunsidrat:*

Li mhuwiex il-każ li dina l-Qorti teżamina l-kwistjoni relativa għall-pagament tad-dazju li sar "under protest" o meno, għaliex dwar l-ewwel sitt partiti ma ġiex pruvat li l-pagament tad-dazju sar b'dana l-mod; u f'kwalunkwe każ, dina l-indaġini mhiex meħtieġa, għaliex il-Qorti irriteniet li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut nomine dwar l-imsemmija sitt partiti ta' żraben mhix sostenibbli. Għalhekk kienet tkun frustranea kwalunkwe deċiżjoni dwar il-klawsola "under protest", fuq l-iskorta tal-interpretazzjoni tal-art. 2223 tal-Kodiċi Ċivili.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biennali sollevata mill-konvenut nomine dwar ir-rifusjoni tad-dazju żejjed tas-sitt partiti fuq riferiti, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Omissis.